# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta tat-3 ta' Lulju 2023

**Rikors Numru : 130/2023 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**MB**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MB datat 6 ta' Marzu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewwget lill-intimat JB nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (19/09/1993) fil-Knisja Parrokjali tal-Mosta, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf seba' mija u hamsa u sebghin sbarra elf disa' mija u tlieta u disghin (1775/1993) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok "A";*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tliet itfal u cioe' CB illi twieled nhar f'X, KB illi twieldet nhar f'Y u MHB illi twieldet f'Z;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Luca Burlo` tal-ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (20/02/2019) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B".*

4. *Illi l-manteniment illi qiegħed jitħallas versu l-bżonnijiet ta' MHB huwa wieħed adegwat, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal erba' snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi l-partijiet ilhom de juri separati ghal perjodu li jammonta ghal aktar minn sena , mis-sentejn minnufih precedenti;*

7. *Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet **MB** u **JB**, u ghalhekk ir-rikorrenti MB titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jogghobha:*

   I. ***TIDDIKJARA*** *li z-zwieg tar-rikorrenti li gie iccelebrat ma' JB, nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (19/09/1993) fil-Knisja Parrokjali tal-Mosta, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf seba' mija u hamsa u sebghin sbarra elf disa' mija u tlieta u disghin (1775/1993) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,*

   II. ***TORDNA*** *lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2023 (Vide Fol 18), fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jissottomettu jew sottomissjonijiet finali x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-19 ta' Settembru 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Luca Burlo' datat 20 ta' Frar 2019. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (Vide Fol 19) u kkonferma u kkorrobora ma' dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-***

***sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Settembru 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 1775/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 10). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, wiehed minnhom ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar

Dr Luca Burlo' datat l-20 ta' Frar 2019. (vide Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1775/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**